# Is-Saqaf

(*Leġġenda Skoċċiża ta'* G. Galea)

IL-GWIDA li kien idawwarna l-Kastell ta' Edinburgo kien raġel Skoċċiż imdaħħal fiż-żmien iżda għadu fuq ruħu, wieqaf fuq qaddu, wiċċu aħmar, għajnejh żoroq, xagħru mill-lewn il-fidda, ilsienu jaqta' u xufftejh dejjem imbexxqin jitbissmu; kien ċajtier, ferrieħi u dħuli, kien jaf x'igħid ħafna fuq il-kastell, imma lili laqatni mhux għat-tagħrif li fissrilna dwar il-kastell iżda għall-ġibda li kellu lejn dak il-bini storiku. Mita jitkellem fuq il-kastell, il-gwida kien qisu qiegħed isemmi fuq biċċa minnu nnifsu, għajnejh jibdew jilmaw bil-għaxqa ta' qalbu u leħnu jrabbi ħrara u heġġa li jimpressjonaw lil min ikun jisma'.

"Il-Kastell ta' Edinburgo", kien qiegħed igħid il-gwida, "qisu l-qalba ta' din il-belt u bħalma Edinburgo hi ċ-ċentru ta' pajjiżna hekk il-Kastell hu l-qofol ta' l-istorja tagħna.

Il-bidu ta' dan il-kastell jintilef fid-dlamijiet taż-żmenijiet qodma, iżda nafu li fis-sena 1004, Malcolm II kellu l-kastell tiegħu fuq din il-quċċata. Il-kastell kien mimli ħajja fi żmien Macbeth, dak ir-ruħ ħażina li jidher f'waħda mit-traġedji ta' Shakespeare. Bruce, il-qalbieni, ħareġ minn dan il-kastell biex jiġbor in-nies tiegħu għall-ħelsien ta' Skozja. Wallace iltaqa' f'dan il-kastell mal-*Lairds* Skoċċiżi u ħajjarhom isejħu l-*clans* tagħhom għat-taqbida ma' l-Ingliżi.

Ir-Rejiet ta' Skozja kienu jlaqqgħu l-Parlament tagħhom fil-kastell. Santa Margerita ta' Skozja, ir-Reġina qaddisa, mietet f'dan il-kastell fis-16 ta' Novembru 1093. Marija Stwarda, ir-Reġina xortiha ħażina, qattgħet biċċa sewwa minn għomorha fil-kastell u fih ġarrbet l-isbaħ ferħ u l-ikreh għali. Darnely Bothwell, Rizzio, tliet ismijiet li x-xorti kiefra laqqgħet ma' dak tar-Reġina Stwarda, għexu għal xi żmien fil-kastell u taħt is-saqaf tiegħu ngabru minn żmien għall-ieħor Knox, il-predikatur tal-biża'; Cromwell, il-qerried tar-Re; Montrose, il-Kavalier ta' ħila u rġulija; Bonnie Prince Charlie, il-Prinċep itturufnat; Sir Walter Scott, il-kittieb liema bħalu, u kull bniedem jew bniedma li ħallew isem fl-istorja Skoċċiża. . . . . . . . . .

Il-kastell mibni fuq ħotba ta' blat qawwi u jġib taħtu l-belt kollha; tkun fejn tkun fil-belt, jekk tħares 'il fuq għandek tarah. F'jum ta' ċpar jekk tħares lejh minn Princes Street tilmħu qisu kastell tas-sħarijiet imwieżen fuq is-sħab; jekk tħares 'il fuq minn qiegħ High Street tara l-kastell fil-quċċata tat-triq qisu

r-ras fuq il-baklu ta' Isqof; imma l-isbaħ dehra tal-kastell, mita tħares lejh mill-Grassmarket; minn hemm taraħ fil-kburija u l-qawwa tiegħu kollha, tara dak il-biat sewdieni mogħla s-sħab donnu maqtugħ b'imterqa, jispiċċa fi swar qisħom kuruna li jagħalqu torrijiet, palazzi u kwartieri. Mill-Grassmarket ukoll tidher dik it-tieqa ċkejkna tal-kamra tar-Reġina Marija, fejn twieled ir-Re James li għaqqad iż-żewġ saltniet, ta' l-Iskozja u ta' l-Ingilterra, flimkien. Malli twieled lil James qegħduh f'qoffa, dendluh mit-tieqa u niżżluh minn dak il-għoli kollu għat-triq ta' taħt is-swar, biex jeħilsuh min-nases tar-Reġina Eliżabetta.

F'dan il-kastell hawn ħafna bini sabiħ, storiku u qadim: hawn il-kappella ta' Santa Margerita mibnija fis-seklu tlittax, u waħda mill-aktar antiki fl-Iskozja; hawn il-Batterija *Half Moon*, mibnija flok it-torri li s-Sultan David kien waqqaf fis-sena 1367; hawn il-Monument Nazzjonali għal dawk li mietu fil-gwerra, wieħed mill-isbaħ monumenti fid-dinja; hawn l-appartamenti rjali bix-xettru u l-kuruna u d-deħbijiet u fided tar-Rejiet Skoċċiżi ta' ilu; hawn il-Palazz tal-Gvernatur, dar sabiħa mibnija fil-bidu tas-seklu tmintax. Imma aħna nibdew mill-Armerija; ejjew nidħlu fiha.

Din sala kbira ġmie'ha u bħalma taraw fiha ġabra ta' armi, mid-*dirk* u *claymore* Skoċċiżi sa *machine gun* modern. Iżda din is-sala mhux dejjem kienet armerija; fl-antik nett kienet isservi bħala parlament fejn ir-Rejiet kienu jiġbru l-kbarat u l-mexxejja tal-poplu; imbagħad bdew jinqdew biha bħala sala ta' l-ikel.

Bħala *Banqueting Hall* tal-kastell, din is-sala laqgħet taħt is-saqaf tagħha l-aqwa persunaġġi li għexu f'din il-belt jew ġew iżuruha, u rat jintasbu ma' dwar l-imwejjed tagħha ġemgħat ta' nies l-aktar magħrufa, f'ċirkustanzi l-aktar storiċi tal-pajjiż.

Gibu quddiem għajnejkom din is-sala kbira, b'mejda twila twila mgħobbija b'ikel u xorb, imgħammra bil-fided, imżejna bil-ward u mdawla b'mijiet ta' xama' f'kandelabri tal-fidda. Ir-Re f'ras il-mejda u madwaru ministri, ġenerali, *lairds* u *caterans* Skoċċiżi bil-geżwira u tartan ta' bosta lwien. Kamrieri u sefturi deħlin u ħerġin inewwlu dixxijiet kbar daqs rota ta' karettun mimlijin bi ċriev, ċingjali jew fagani jdaħħnu bi fwieħa taqsam, filwaqt li l-koppieri l-ħin kollu jferrgħu l-inbejjed u jimlew it-tazzi tal-mistednin; l-orkestra ddoqq minn fuq il-palk li hemm f'tarf is-sala u kull mita tehda l-orkestra, iċ-ċirimelli joħorġu jduru ma' dwar il-mejda jdoqqu ċ-ċirimelli tagħhom. Dehra

bħal dik tgħaxxaq lil kull bniedem li għandu sens romantiku, iżda min iħobb l-arti għandu jitlef għaqlu wara l-ġmiel tas-saqaf ta' din is-sala.

Ħarsu lejh sewwa, taraw dan is-saqaf tal-għuda jinfirex fuq ħafna rfied u ħnejjiet gotiċi bil-kolonni tagħhom imdendlin fl-arja; dawn il-ħnejjiet jidhru qishom imdendlin mas-saqaf u mhux iwieżnu s-saqaf kif tassew huma, tarawhom minsuġin u mselslin flimkien hekk bil-għaqal qishom kannizzata jew qishom stalaktiti miżbugħin kannella u jekk tħarsu sewwa lejhom taraw li dawn il-pilastri u kolonni u ħnejjiet u borduri huma kollha maħdumin bil-għaqal u mnaqqxin b'sengħa kbira.''

''X'tagħmlulu lis-saqaf biex ma tiklux is-susa?'' staqsejt jiena.

Il-gwida dar bil-herra u ħares lejja bħal wieħed li donnu ried jaqrali f'moħħi x'ridt infisser bil-mistoqsija tiegħi u wara li dam sieket għal ftit tal-ħin donnu kien italla' u jniżżel jekk iweġibx għall-mistoqsija tiegħi, qalli:

''Sinjur, dan is-saqaf qatt ma tmissu s-susa''.

''Dan kif?'' erġajt staqsejtu.

Il-gwida deher mifxul u mħawwad u mita rawh hekk dawk li kienu miegħi, xammew li kien hemm xi ħaġa straordinarja u għalhekk staqsewh huma wkoll biex igħidilna x'kienet il-biċċa.

''La susa, la brimb u lanqas dwejjed oħra ma jmissu l-għowwied ta' dan is-saqaf''.

''Imma għaliex?'' riedu jafu xi tnejn għalenija.

''Jekk ngħidilkom ma temmnunix'', qal il-gwida donnu biex jaqta' fil-qasir.

''Issa daħħaltni fil-kurżità u jkollok tgħidilna għaliex is-susa ma tmissux il-għowwied ta' dan is-saqaf'', qabżet qalet waħda sinjura li kienet magħna.

Il-gwida qaleb għajnejh 'il fuq u ħa nifs qawwi 'l ġewwa bħal bniedem li jkollu jindaħal għal biċċa xogħol fuq qalbu, imbagħad beda:

''Darba kien hawn kmand ta' dan il-kastell bniedem aħrax u qalil wisq, kellu qalbu ħażina bla ħniena u bla mogħdrija. Dak il-Kastellan ma kien jemmen b'xejn, għalih ma kienx hemm liġi, kien jagħmel li jaqbillu u miskin hu min imerih; bil-qawwa ta' driegħu u bil-ħżunija ta' moħħu kien iwerwer lil kulħadd. In-nies ta' din il-belt kienu jitkexkxu minnu u dawk ta' dawn l-inħawi kienu jitolbu 'l Alla biex ma jersaqx lejhom; ismu kien ibażża' lil kulħadd; il-kbar kienu jisħtu l-isem tiegħu u ż-żgħar

kienu jibżgħu jekk jisimgħu bih.

Dak il-Kastellan kien jagħmel kif idoqqlu moħħu bla ma joqgħod iqis xejn, kien ksir il-għonq mill-agħar, ġellied u qattiel; dlonk kien jinxteħet bin-nies tiegħu fuq xi belt jew raħal qalb il-muntanji u jisraq u jħarbat kulma jsib; għalih ħajjet il-bniedem ma kienet tiswa xejn, aktar kien igħożż il-klieb u ż-żwiemel tiegħu min-nies ta' madwaru. Mhux darba jew tnejn dak il-mingħul keskes, għalxejn b'xejn, il-klieb tiegħu għal xi bidwi jew raħħal u qagħad jieħu gost jarahom iqattgħuh.

Fl-aħħar ħadd ma sata' jiflaħ aktar għal dak il-misħut Kastellan u r-Re ħtieġlu jitqanqal: neħħieh minn kmand tal-kastell u neżżgħu mis-setgħa kollha li kellu; floku ħatar bniedem ieħor, raġel tal-ħaqq u mfaħħar minn kulħadd.

Il-Kastellan għadab meta waslitlu l-aħbar u kif kien mitluf ħalef li jeħles minn dak li r-Re kien laħħaq floku; xtaq li malli s-suċċessur tiegħu jirfes fil-kastell jaħsadlu rasu u jwaħħalha f'lanza fuq il-bieb fejn jaraha kulħadd, imma kien jaf li jekk jagħmel hekk, jiksirha mar-Re u jiġi fil-għali. Il-makakk qagħad jaħsibha u fl-aħħar ġieh f'moħħu kif iwarrab il-Kastellan il-ġdid: jistiednu għal pranzu u jisqih il-velenu.

Dak il-bniedem ta' qalb ħażina ħejja festa kbira biex jilqa' lill-Kastellan il-ġdid fl-ewwel daħla tiegħu fil-kastell. Kien hemm żfin Skoċċiż, logħob, daqq u ġostri, imma l-qofol tal-festa kellu jkun il-pranzu f'din is-sala.

Il-Kastellan kien ħejja kollox b'ħażen ta' mingħul: kiseb tosku mill-aktar qawwi u ħalltu ma' l-inbid f'tazza għaliha, imbagħad ftiehem ma' qaddej li sata' jorbot fuqu u baqgħu li malli l-Kmand jegħmeż lill-qaddej, dan iqiegħed it-tazza tal-velenu quddiem il-Kastellan il-ġdid.

Il-pranzu ma setax jirnexxi aħjar; kien hemm ikel li jħajjar u nbid li jitla' fir-ras. Il-mistednin kielu u xorbu kemm felħu, kulħadd kien daħqan u ferrieħi, min jiċċajta u min iħarref xi ħlieqa. Il-kamrieri kienu l-ħin kollu jġibu mill-kċina dixxijiet ta' tisjir ġdid, u s-sefturi, wieħed wieqaf wara kull siġġu tal-mistednin, kienu bla heda jimlew it-tazzi malli s-sinjuri jbattluhom. Wara s-siġġu tal-Kastellan il-ġdid kien wieqaf il-qaddej miftiehem li għandu jnewwel il-velenu.

Fl-aħħar il-Kmand qam u għamel sinjal lil taċ-ċirimelli biex jieqfu, imbagħad qabad tazza f'idu u stieden lill-mistednin biex jixorbu bis-saħħa tal-Kastellan il-ġdid. Wara li xorbu, il-Kmand reġa' qagħad bil-qiegħda u kif kien bil-qaddis, ta' għemża ħafifa

lill-qaddej; dan b'ħeffa ta' berqa ħareġ it-tazza minn taħt il-*plaid* fejn kienet moħbija u qegħedha quddiem il-Kastellan il-ġdid li f'dak il-waqt kien qiegħed iqum bil-wieqfa biex iwieġeb għall-kumpliment.

Il-Kastellan il-ġdid qabad it-tazza minn quddiemu u wara li għollieha qal: "Fil-waqt li nixxiħajr lill-Kmand għal-laqgħa sabiħa li għamilli, nitlobkom tissieħbu miegħi biex nixorbu bis-saħħa tiegħu u nixtiequlu għomor twil u ġid u saħħa", u ressaq it-tazza tal-velenu lejn xufftejh biex jixrobha.

Il-Kmand kellu għajnejh jibru u xufftejh jirtogħdu bit-taqliba li kellu f'demmu. Il-qaddej deher miblugħ u mwerwer. F'nitfa ta' ħin, il-Kastellan il-ġdid kien se jibla' l-inbid li jibagħtu d-dinja l-oħra.

Il-Kastellan fetaħ ħalqu biex jixrob, imma f'dak il-waqt sewwa taqa' brimba mis-saqaf u tiġi ġewwa t-tazza tiegħu. Il-Kastellan warrab bil-ħatfa t-tazza minn quddiem ħalqu u tefagħha ma' l-art. Il-mistednin li raw x'kien ġara, ħadu kollox biċ-ċajt; ħadd minnhom ma għaddielu minn rasu li dik il-brimba kienet ħelset il-Kastellan il-ġdid minn xifer il-mewt u l-biċċa għaddiet f'daħka. Imma l-Kmand ħass l-infern ġewwa fih u għalkemm ħtieġlu jkompli b'wiċċu daħkani sakemm spiċċa kollox, qalbu kienet tferfer bid-dagħdigħa u xbinu tkemmex donnu mċaqlaq mill-ħsebijiet koroh li kienu għaddejjin minn moħħu.

Malli l-aħħar fost il-mistednin telaq u fis-sala ma kienx baqa' ħlief il-qaddejja, il-Kmand nefaħ nefħa qisu barri rrabjat, qabad siġġu, sabbtu ma' l-art u għamlu laqx, imbagħad b'leħen li jriegħed, riedhom igħidulu min fost il-qaddejja kellu d-dmir li jnaddaf is-sala. Ressqulu daqsxejn ta' żagħżugħ imkittef u mdaħħal ġo qoxortu bil-biża' li bilkemm felaħ jieqaf bir-rogħda.

"Dan kien innissu jara li s-saqaf nadif?" staqsa l-Kmand b'għajta ta' bniedem invażat.

"Dan", wieġeb il-kap tal-qaddejja bit-tlaqliq.

Il-Kmand b'saħna tal-biża' qabad ix-xabla li kellu mdendla ma' qaddu u f'leħħa ta' berqa niżel lill-qaddej minn naħa għal oħra u naxru fl-art.

Kull min kien fis-sala twerwer u tbikkem. Il-Kmand, qisu mhux hu, mesaħ ix-xabla fil-geżwira ta' wieħed li nzerta ma' ġenbu, raġa' daħħalha fil-għant u bla kliem u bla sliem telaq biex joħroġ. Iżda s-saħta t'Alla ma dametx ma laħqitu: kif kien imċaqlaq bejn bix-xorb u bejn bid-dagħdigħa li kellu, malli rifes l-ewwel targa tal-bieb, tfixkel, stabat ma' l-art, ħabat nagħsu u

baqa' tal-kolp........... .....

Minn dak in-nhar l-ebda brimba jew susa jew nemusa ma resqet lejn dan is-saqaf. Ix-xjuħ tagħna jgħidu li mhux darba jew tnejn fis-sikta ta' bil-lejl raw ir-ruħ ħażina tal-Kmand tnaddaf u tfarfar qalb it-travi u l-għowwied tas-saqaf.

Lilna li ngħixu f'dan il-Kastell ħadd ma jneħħilna minn rasna li sakemm dan is-saqaf jibqa' wieqaf, ruħ dak il-kiefer Kmand iddum bla mistrieħ tnaddaf u tfarfar biex tpatti għal dnubietha u biex ma jiġrix darba oħra dak il-fatt li jkexkex.

Sinjuri, nisthajjilkom f'qalbkom qegħdin tidħku bija u jien ma nlumkomx. Intom tistgħu taħsbu u tifhmu li tridu, biss ftakru li fuq l-injam ta' dan is-saqaf qatt ma tmiss duda. Kull tant xhur wieħed mill-impjegati jitla' fuq sellum u jdur dawra mas-saqaf kollu, iżda qatt ma ra brimb jew susa u qatt ma sab għanqbut jew għabra. Intom tafu li bnadijiet oħra fejn hemm soqfa bħal dan, iridu joqogħdu warajhom; f'Westminster Hall ta' Londra, li għandha s-saqaf tal-għowwied jixbaħ lil dan, hemm impjegati biex is-sena kollha jnaddfu u jfarfru u jeqirdu s-susa, għax jekk ma jagħmlux hekk dak is-saqaf jispiċċa biex jissewwes u jitherra; imma, bħal ma għedtilkom dan is-saqaf tagħna dejjem nadif u safi. Dan kif tfissruh?''

---

## MAL-MEWĠ

(Maqluba mill-Ingliż ta' J. Aquilina)

*Nies aħna sejra mal-mewġ ngħarrxu għall-hena*
*X'imkien.*
*Iżda l-bogħod hemm ngħarrxu w infittxu ma jidher*
*Imkien;*
*L-Hena fis-Sema ma' Alla w il-Qodos u l-Anġli*
*Lejl u nhar:*
*Imma għad li 'l fuq nitħabtu, ħafna jaqgħu*
*Bogħod mid-dar;*
*U jqumu u jaqgħu w iqumu mill-ġdid ftit biss*
*Jilħqu hemm.*
*Għaliex ħafna jitgerrbu w jitbenġlu sa jieshom*
*Jintemm,*
*U jarmu kull ġlieda, ħarsithom imsammra fis-sħab*
*Bi tnehid.*
*Hekk jixbhu lis-sħab bla rieda inġerri sal-l-Mewt*
*Tkun is-Sid.*

Ġużi V. Galea
(Student, Kors tal-Liġi).